# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1468

Kaz Nru.1724

Fil-Kwistjoni Tax-Xoghol

bejn

Deborah Bonello

u

Malta International Airport p.l.c.

dwar tkeccija mill-impieg
allegat li hi ngusta

Illum it-Tnejn 12 ta' Jannar 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 12 ta' Novembru 2002 Referenza MSP/TI/104/2002 biex tigi pprocessata skond il-Provedimenti ta' l- Artiklu 28 (2) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti

Is-Sinjorina Deborah Bonello aktar 'l-quddiem tissejjah l-appellanti kienet assistita minn l-Avukat Joseph Brincat LL.D.

Il-Malta International Airport p.l.c. aktar 'l-quddiem tissejjah is-socjeta kienet assistita mill-Avukat Andrew Borg-Cardona LL.D. u l-Avukat Paul Pullicino LL.D.

It-Tribunal Industrijali ta Decizjoni Preliminari li igib in-numru 1453 ta' l-l ta' Dicembru 2003. Fid-decizjoni indikata t-Tribunal iddecieda li ma jilqghax r-ragunijiet migjuba mis-socjeta dwar it-tkeccija mill-impieg ta' l-appellanti.

Fis-sottomissjonjiet finali s-socjeta sostniet li l-appellanti ma ghandiex tiehu l-impieg minhabba l-fatt illi jekk terga tmur lura fl-Airport fejn hemm erba' mitt (400) impiegat, is-socjeta tispicca li jkun hemm sitwazzjoni ntollerabbli u naccettabbli. Is-socjeta qalet illi l-prezenza taghha fl-impieg jekk tigi impjegata sejra tkun ta' dannu peress illi l-impjegati jafu li nstabet hatja ta' delitt ta' serq. Ikun ghalanqas aktar f'loku jekk tigi kkompensata tad-danni.

L-appellanti issostni illi l-Qorti trattat maghha mhux bhala misjuba hatja tant illi l-kondotta taghha hi nadifa. Tkun qed ssir ingustizzja maghha li ma tiehux il-post u tigi mghotija kumpens minhabba dak kollu li qalet is-socjeta. Id-difensur ta' l-appellanti ikkwota kaz ta' Joseph Grima illi wehel il-habs fuq kuntrabandu u affarijiet ohrajn, sentenza deciza ta' habs mhux ta' *probation* u dan l-imsemmi individu rega' dahal l-Airport, sostna li d-dritt li baqa' hu li tinghata sentenza finali ghar-reinstatement taghha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Mill-istqarrijiet finali tal-partijiet is-socjeta ghamlet il-kaz illi partikularment l-Airport hu post ta' sigurta u li hemm numru ta' impjegati u konsegwenza ta' dan l-appellanti ma ghandiex terga tiehu l-post li kellha ghaliex jista' jkun ta' ezempju ghal haddiehor.

L-appellanti sostniet illi diga ghandha Decizjoni Preliminari fejn ma nstabitx hatja, gie wkoll ikkwotat kaz ta' Joseph Grima li wehel il-habs mhux probation u xorta rega ha l-impieg li kellu fl-Airport.

Fid-Decizjoni Preliminari gew ikkwotati mit-Tribunal Industrijali s-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civli Imhallef Fortunato Mizzi LL.D ta' 24 ta' Ottubru 1974, Joseph Cutajar vs Anthony Farrugia bhala President u John Caruana u Alphonse Caruana bhala membri u David Jones bhala Segretarju tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port u s-sentenza tal-Magistrat Antonio Mizzi ta' l-24 ta'

April 2002 fejn l-appellanti giet sentenzjata ta' r-reati li ghamlet ghal tliet snin probatiion.

It-Tribunal wara li sema' dak kollu li ntqal fis-sottomissjonijiet finali ra illi l-appellanti diga giet sentenzjata mill-Qorti b'*probation*, b'liema imsemmija *probation* m'hix hatja ta' xi haga maghmula jew li kellha x'taqsam max-xoghol ta' l-Airport jew xi parti ohra konnessa max-xoghol taghha, izda ghall kollox f'*area* barra mill-post tal-impieg taghha.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ra l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, sema' it-trattazzjonijiet finali jaqta u jiddeciedi billi jsib li t-tkeccija ta' l-appellanti ma kienetx ghar–raguni gusta u sufficjenti u ghaldaqstant l-appellanti ghandha terga tiehu x-xoghol li kellha bl-istess paga u kondizzjonijiet.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed nintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet il-partijiet fis-somma ta' erbghin Lira Maltija (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**Chairman**